

**Rapport ta' attività dwar il-ħidma
tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew
għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**



Werrej

1.	Ħarsa ġenerali lejn il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa	3
2.	Strutturi parlamentari għall-Konferenza.....	5
2.1.	Delegazzjoni tal-Parlament għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza (EP7)	7
2.2.	Delegazzjoni tal-Parlament għall-Plenarja tal-Konferenza (EP108)	8
2.3.	Delegazzjonijiet għall-Gruppi ta' ḥidma tal-Konferenza (EP12).....	9
3.	Attivitajiet tad-Delegazzjoni tal-Parlament	11
Anness I: Ir-riżoluzzjonijiet tal-PE dwar is-CoFE u dokumenti ewlenin oħrajn		14
Anness II: Laqgħat tal-Plenarja tal-Konferenza		15
Anness III: Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv		17
Anness IV: Laqgħat tad-Delegazzjoni għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza (EP7).....		20
Anness V: Laqgħat tad-Delegazzjoni għall-Plenarja tal-Konferenza (EP108).....		23
Anness VI: Membri tal-PE fid-Delegazzjoni għall-Konferenza		25
Anness VII: Membri tal-PE fil-Gruppi ta' ḥidma tal-Plenarja		29

1. Ħarsa ġenerali lejn il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Fl-10 ta' Marzu 2021, it-tliet istituzzjonijiet tal-UE, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill, iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta, li stabbiliet il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa bħala eżerċizzju minn isfel għal fuq li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej jesprimu l-opinjoni u l-ideat tagħhom dwar il-politiki u l-funzjonament futuri tal-Unjoni. Abbażi tal-kontribut tagħhom, il-Plenarja tal-Konferenza, magħmula minn atturi politiċi, inklużi t-tliet Istituzzjonijiet kif ukoll rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali, ċittadini, sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati ewlenin oħraejn, ġiet mistiedna tiddiskuti u tasal għal konklużjonijiet biex tipprovdi gwida għad-direzzjoni futura tal-Ewropa.



**10 ta' Marzu 2021, PE, Brussell
Il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, iffirmaw id-Dikjarazzjoni Konġunta**

Il-Konferenza bdiet uffiċjalment f'Jum l-Ewropa, fid-9 ta' Mejju 2021 u mmarkat il-bidu ta' sena b'serje ta' dibattiti u diskussionijiet dwar il-futur tal-Ewropa. Ġew stabbiliti għadd ta' għodod u korpi biex jippermettu d-diskussionijiet.

Fl-ewwel fażi (mill-aħħar ta' April 2021 sa Novembru 2021¹), ġew organizzati bordijiet u avvenimenti nazzjonali taċ-ċittadini u pjattaforma diġitali multilingwi interattiva ppermettiet liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati minn kull rokna tal-Ewropa jissottomettu l-ideat online, u għenuhom jipparteċipaw f'avvenimenti jew jorganizzawhom. Il-kontribut u l-ideat tagħhom ġew raggruppati skont disa' temi, jiġifieri t-tibdil fil-klima u l-ambjent; is-saħħha; ekonomija aktar b'saħħitha, il-ġustizzja soċjali u l-impjegi; l-UE fid-dinja; il-valuri u drittijiet, l-istat tad-dritt, is-sigurtà; it-trasformazzjoni diġitali; id-demokrazija Ewropea; il-migrazzjoni; l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażaqgħ u l-isport.

Fit-tieni fażi (minn nofs Settembru 2021 sa Frar 2022), ġew stabbiliti erba' bordijiet taċ-ċittadini Ewropej li jkopru d-disa' suġġetti mill-Pjattaforma. Kull Bord iltaqa' tliet darbiet - darba fi Strasburgu, darba online u darba f'Firenze, f'Natolin, f'Dublin jew f'Maastricht. Huma kellhom dibattiti dwar it-temi rispettivi tagħhom, inklużi kontributi mill-Pjattaforma Diġitali, u approvaw 178 rakkmandazzjoni li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom isegwu.

Fit-tielet fażi (minn Ottubru 2021 sa April 2022), parzialment b'mod parallel mat-tieni fażi, il-Plenarja tal-Konferenza ddiskutiet dawk id-disa' suġġetti. Matul din il-fażi, l-ideat u l-kontribut

¹ Il-Pjattaforma kienet miftuħa għall-kontributi matul il-perjodu kollu tal-Konferenza. L-aħħar rapport tal-Pjattaforma li jikkontribwxi għall-Plenarji tal-Konferenza ġie ppubblikat f'nofs Marzu 2022 biex dan jitqies kif xieraq fid-diskussionijiet tal-Plenarja.

mill-Pjattaforma u mill-Bordijiet taċ-Ċittadini ġew ippreżentati lid-diskussionijiet tal-Plenarja tal-Konferenza u ġew inklużi fihom. Bejn it-28 u d-29 ta' April 2022, wara diskussionijiet intensi, il-Plenarja tal-Konferenza resqet 49 proposta u 326 miżura miġbura taħt id-disa' temi.

Il-Konferenza kkonkludiet il-ħidma tagħha fid-9 ta' Mejju 2022 b'[rapport](#) lit-tliet Istituzzjonijiet li jinkludi dawk il-proposti u miżuri konkreti, u l-Istituzzjonijiet issa qiegħdin jeżaminaw kif għandhom isegwuhom b'mod effettiv, kull waħda fl-oqsma tal-kompetenzi tagħhom u f'konformità mat-Trattati.



**Fid-9 ta' Mejju 2022,
il-Konferenza kkonkludiet il-ħidma tagħha u ppreżentat ir-Rapport tal-Ēżitu Finali lill-Presidenti tal-PE, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill**

Fit-2 ta' Diċembru 2022, f'avveniment ta' Feedback ospitat fil-Parlament Ewropew fi Brussell, l-istituzzjonijiet tal-UE u aktar minn 500 ċittadin ivvalutaw u skambjaw fehmiet dwar is-segwitu għall-proposti tal-Konferenza.

Dan ir-rapport ta' attivitā jiffoka fuq il-ħidma tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Konferenza matul dan il-perjodu kollu.

2. Strutturi parlamentari għall-Konferenza

Il-Konferenza bbażat fuq struttura ta' governanza mfassla bir-reqqa u nneozjata mit-tliet Istituzzjonijiet. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tal-10 ta' Marzu 2021, iffirmsa mit-tliet Presidenti tal-Istituzzjonijiet, tat-ħajja lil din l-istruttura permezz ta' varjetà ta' strutturi ta' ħidma. L-għan tal-istabbiliment kien li tiġi żgurata rappreżentanza ugħali tat-tliet iġiġi minn tħalli. L-istrutturi tal-Konferenza jiddeċiedu b'kunsens fost l-erba' komponenti tagħha (it-tliet Istituzzjonijiet u l-Parlamenti nazzjonali) eż-dwar ir-rapportar tal-eżi tiġi tad-diversi attivitajiet imwettqa u dwar ir-rapport finali lill-presidenza tal-Konferenza.

Fil-quċċata, il-Konferenza tqiegħdet taħt l-awtorità tat-tliet Istituzzjonijiet, li jaġixxu bħala **I-Presidenza Konġunta** tagħha, u ttieħdet mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, David Sassoli u Roberta Metsola; il-Presidenti fil-kariga tal-presidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni²; u l-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula Von der Leyen. Biex imexxu l-proċess, ġew innominati **tliet Kopresidenti**, jiġifieri, Guy Verhofstadt, Membru, għall-Parlament Ewropew; il-Viċi President Dubravka Šuica għall-Kummissjoni Ewropea u, suċċessivament, il-Presidenti b'rotazzjoni tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali, Ana Paula Zacarias (il-Portugall), Gašper Dovžan (is-Slovenja), Clément Beaune (Franza) u Mikuláš Bek (ir-Repubblika Ċeka).

Wara l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta, it-tliet Istituzzjonijiet stabbilew **Bord Eżekuttiv tal-Konferenza** biex jissorvelja x-xogħlijiel tal-Konferenza u jhejj i-l-laqgħat u l-konklużjonijiet tal-Plenarja tal-Konferenza. Il-Bord Eżekuttiv kien kopresedut mit-tliet Istituzzjonijiet u talab li jirrapporta fuq bażi regolari lill-Presidenza Konġunta. Dan ġie meghju mis-**Segretarjat Komuni**, b'rappreżentanza ugħali tat-tliet Istituzzjonijiet.

Fil-qalba tal-Konferenza, il-qofol tagħha kien **il-Plenarja tal-Konferenza**. Il-kompli tagħha kien li tiżgura jsiru dibattiti dwar ir-rakkmandazzjoni mill-panels taċ-ċittadini nazzjonali u Ewropej, miġbura skont it-temi, mingħajr eżitu determinat minn qabel. F'konformità mar-rekwiżiti tad-Dikjarazzjoni Konġunta, din kienet tikkonsisti f'449 membru tal-Plenarja, miġbura f'erba' komponenti istituzzjonal u ċ-ċittadini, magħżula b'mod aleatorju minn madwar l-Unjoni kollha.

B'mod speċifiku, dan kien jinkludi 108 rappreżentanti mill-**Parlament Ewropew** u mill-parlamenti nazzjonali rispettivament, kif ukoll 54 rappreżentant mill-**Kunsill tal-Ministri** u tlieta **mill-Kummissjoni Ewropea**,³ fuq l-istess livell. Fost iċ-ċittadini, attendew 80 rappreżentant mill-panels taċ-ċittadini Ewropej u 27 (wieħed għal kull Stat Membru) minn panels taċ-ċittadini nazzjonali jew minn avvenimenti nazzjonali u mill-President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ. Fl-aħħar nett, is-soċjetà ċivili kienet irrappreżentata minn 18-il membru mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mill-Kumitat tar-Reġjuni u tmienja mis-Šhab Soċjali u mill-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili. Fid-19 ta' Lulju 2021, il-Bord Eżekuttiv stieden lil sitt rappreżentanti reġjonali u sitt rappreżentanti lokali eletti oħra u 12-il rappreżentant tas-ħab soċjali (minflok tmienja li kien hemm qbil dwarhom fil-bidu) biex

² António Costa, il-Prim Ministro Portuġiż; Janez Janša, il-Prim Ministro Sloven; Emmanuel Macron, il-President tar-Repubblika Francija; Petr Fiala, il-Prim Ministro Ċek.

³ Membri oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea pparteċipaw fil-Plenarja, b'mod partikolari fejn ġew diskussi kwistjonijiet rilevanti għall-portafoll tagħhom.

jagħmlu parti mill-Plenarja.



Il-Plenarja tal-Konferenza Itaqgħet seba' darbiet bejn ġunju 2021 u April 2022, minbarra avvenimenti inawġurali aktar formali fid-9 ta' Mejju 2021 u ċerimonja tal-għeluq fid-9 ta' Mejju 2022 (ara l-Anness II). Qabel kull laqgħa tal-Plenarja, il-Gruppi politiċi organizzaw laqgħat ta' caucus tal-familji politiċi tagħhom, filwaqt li ġadu ħsieb l-arrangġamenti tagħhom stess.

Sabiex tkun tista' ssir diskussjoni teknika aktar strutturata bejn il-parteċipanti tal-Plenarja, il-Bord Eżekuttiv iddeċċieda li jistabbilixxi disa' **Gruppi ta' Ħidma tal-Plenarja tematiċi** ad hoc, li jikkorrispondu għas-suġġetti tal-Pjattaforma Dijitali. Il-Gruppi ta' Ħidma ġew stabiliti minn Ottubru 2021 u Itaqgħu qabel il-Plenarja tal-Konferenza fit-22 ta' Ottubru 2021. Il-ħidma tagħhom ġiet inkwadrata mit-“Termini ta' Referenza” miftiehma mill-Kopresidenti.⁴

Is-sottotaqsimiet li ġejjin se jiddeskrivu d-dettall tal-parteċipazzjoni tal-Parlament fl-istrutturi ta' ħidma msemmija hawn fuq, u b'mod partikolari

- **tad-Delegazzjoni tal-Parlament għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza ("EP7")**
- **tad-Delegazzjoni tal-Parlament għall-Plenarja tal-Konferenza ("EP18") u**
- **tad-Delegazzjonijiet tal-Parlament għall-Gruppi ta' Ħidma tal-Konferenza ("EP12").**

⁴ Informazzjoni dwar il-Gruppi ta' Ħidma Plenarja fil-Pjattaforma Dijitali Multilingwi: <https://futureu.europa.eu/mt/pages/working-groups>

2.1. Delegazzjoni tal-Parlament għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza (EP7)

Il-Bord Eżekuttiv kien jikkonsisti minn tliet membri u sa erba' osservaturi minn kull waħda mit-tliet Istituzzjonijiet kif ukoll osservaturi minn partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajin. Dan ippermetta li l-gruppi politiċi kollha tal-Parlament jiġu rrappreżentati fil-Bord Eżekuttiv.

Fit-18 ta' Marzu 2021, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament ġat-tret it-tliet Membri li ġejjin u erba' osservaturi, innominati mill-gruppi politiċi, għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza (imsejħa b'mod informali "EP7"):

Guy VERHOFSTADT (Renew Europe, BE)	Kopreside
Manfred WEBER (PPE, DE)	Membru
Iratxe GARCÍA PÉREZ (S&D, ES)	Membru
Gerolf ANNEMANS (ID, BE)	Osservatur
Daniel FREUND (Ħodor/AHE, DE)	Osservatur
Zdzisław KRASNODĘBSKI (ECR, PL)	Osservatur
Helmut SCHOLZ (Ix-Xellug, DE)	Osservatur



Minbarra l-organizzazzjoni tal-ħidma interna tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, magħmula minn 108 Membri, ir-rwol tal-EP7 kien fuq kollox li tmexxi, tikkoordina u tieħu deċiżjonijiet bil-għan li tħejji l-kontribut tal-Parlament għal-laqgħat tal-Kopresidenti tal-Konferenza u tal-Bord Eżekuttiv, filwaqt li tiżgura li d-delegazzjoni tal-Parlament kif ukoll l-awtoritajiet politiċi tal-Parlament kienu involuti kif xieraq f'dan il-proċess.

L-EP7 iltaqa' 18-il darba mill-24 ta' Marzu 2021 sat-29 ta' April 2022 (ara l-Anness IV għal aktar dettalji).

2.2. Delegazzjoni tal-Parlament għall-Plenarja tal-Konferenza (EP108)

Id-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Plenarja tal-Konferenza kienet magħmula minn 108 MEPs mis-seba' gruppi politiċi kollha u mil-membri Mhux Affiljati. Fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament approvat l-ismijiet tal-108 MEPs li se jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Plenarja tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Id-Delegazzjoni tal-PE kienet tinkludi sitta minn sebgħa mir-rappreżentanti u l-osservaturi tal-Parlament għall-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza u kienet immexxija mill-Kopresident tal-PE tal-Konferenza, Guy VERHOFSTADT (Renew, BE).

Fil-Plenarja tal-Konferenza pparteċipaw 108 rappreżentanti mill-Parlament Ewropew. Is-siġġijiet fil-Plenarja tal-Konferenza ġew allokati kif ġej bejn il-gruppi politiċi li jiżguraw bilanċ ġenerali bejn il-ġeneri fid-Delegazzjoni:

PPE: 28

S&D: 23

Renew Europe: 15

Ħodor/AHE: 11

ID: 11

ECR: 9

Ix-Xellug: 6

Membri mhux affiljati: 5



Id-Delegazzjoni Itaqgħet qabel il-Plenarji tal-Konferenza biex tħejji l-kontribut tal-Parlament u tifformola l-pożizzjonijiet tiegħu, li bdiet mill-Plenarja inawgurali fit-18 sad-19 ta' Ġunju 2021. Id-Delegazzjoni Itaqgħet 11-il darba bejn Ġunju 2021 u April 2022.

F'termini amministrattivi, id-Delegazzjoni bbenefikat minn appoġġ finanzjarju, tekniku, ta' interpretazzjoni u loġistiku simili għal korpi parlamentari oħrajn. Id-Delegazzjoni tal-PE u l-korpi relatati tagħha ġew meghħjuna minn Segretarjat⁵⁵, magħmul minn persunal tal-Parlament sekondat minn Direttorati Ġenerali differenti tal-Parlament, taħt il-patroċinju tal-Viċi Segretarju Ĝenerali⁶, Markus Winkler. (Għal aktar informazzjoni dwar il-Membri u l-aktivitajiet tad-Delegazzjoni tal-PE, jekk jogħġibok ara l-Annessi VI u VII).

⁵⁵ Is-Segretarjat tad-Delegazzjoni tal-PE kien magħmul mill-uffiċjali li ġejjin: Patricia Jimenez Lozano (Kap tal-Unità), Luis Balsells, Annemieke Beugelink, Lina Chahrour, M^a Teresa Conesa, Stefana Di Battista, Julia Ferger, Alexandros Karides, Anja Kunz, Vincent Stuer u Mette Tonsberg

⁶ Il-ħidma tad-Delegazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Konferenza kollha kemm hi matul il-perjodu ta' sentejn kienet appoġġjata b'mod sod mid-Direttorati Ġenerali kollha tal-Parlament Ewropew.

2.3. Delegazzjonijiet għall-Gruppi ta' Ħidma tal-Konferenza (EP12)

Kull wieħed mid-disa' Gruppi ta' Ħidma tal-Plenarja tematiċi kellhom madwar 50 membru, li 12 minnhom kienu Membri tal-Parlament Ewropew. Kull wieħed mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-parlamenti nazzjonali ppresedew żewġ gruppi ta' ħidma, u I-President tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaq ħippreseda wieħed. Il-format tal-grupp ta' ħidma għen biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-proċess tal-Konferenza bejn il-laqgħat tal-Plenarja.



**Manfred WEBER (PPE, DE) ippreseda
I-Grupp ta' Ħidma tal-Plenarja
"Demokrazija Ewropea" f'isem il-
Parlament Ewropew.**

Għall-Parlament, il-Gruppi politiċi qablu dwar il-kompożizzjoni nominali tal-MEPs fil-Gruppi ta' Ħidma abbażi tal-approċċ d'Hondt. Il-Membri tal-Bord Eżekuttiv Manfred WEBER (PPE, DE) u Iratxe GARCIA PÉREZ (S&D, ES) ippresedew il-Gruppi ta' Ħidma dwar "Id-demokrazija Ewropea" u "Ekonomija, ġustizzja soċjali, impjieg aktar b'saħħithom", rispettivament.

**Iratxe GARCIA PÉREZ (S&D,
ES) ippresediet il-Grupp ta'
Ħidma
tal-Plenarja "Ekonomija,
Ġustizzja Soċjali u Impjieg
Aktar b'Saħħithom f'isem il-
Parlament Ewropew**



Barra minn hekk, minn Ottubru 2021, il-Gruppi Politiċi qablu li jistabbilixxu **gruppi preparatorji interni** fi ħdan id-Delegazzjoni, li jirriflettu d-disa' Gruppi ta' Ħidma Plenarja li nħolqu dan l-aħħar, u li jaħtru koordinatur tal-PE għal kull wieħed (ara I-lista fl-Anness VII).

Il-kompli tal-koordinaturi, assistiti mis-Segretarjat tad-Delegazzjoni tal-PE, kien li jlaqqgħu l-laqgħat ta' tħejjija tat-12-il membru tal-Grupp ta' Ħidma tal-PE u li jippresedu d-diskussionijiet tagħhom. Barra minn hekk, huma jirrapportaw minn dawk il-laqgħat preparatorji u mid-diskussionijiet fil-Grupp ta' Ħidma Plenarja tagħhom, lill-Membri tal-

Bord Eżekuttiv tal-EP 7 u lid-Delegazzjoni Sħiħa tal-EP 108 għall-Plenarja.



Koordinaturi tal-EP12 fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Konferenza (ara I-Anness VII)

3. Attivitajiet tad-Delegazzjoni tal-Parlament

Id-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (EPEC) [organizzat 11-il laqgħa](#) matul il-proċess tal-Konferenza biex tiddiskuti l-kontribut ippordut mill-istrutturi tas-CoFE (Pjattaforma Dijitali, Panels, Plenarja, Guppi ta' Ħidma eċċ.), tifformola l-pożizzjoni tal-maġġoranza tal-Parlament u tħejji l-laqgħat tal-Plenarja.

Fil-fażi preliminari u proċedurali tal-Konferenza, minn Ġunju sa Settembru 2021, l-EP108 itaqgħet darbtejn.

Il-laqgħa kcostituttiva tagħha saret fl-14 ta' Ġunju 2021, li fiha l-Membri skambjaw fehmiet dwar il-metodi ta' ħidma u r-rwol tad-Delegazzjoni tal-PE għall-Plenarja tal-Konferenza, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali dwar l-istabbiliment tal-proċedimenti tal-Konferenza (jiġifieri t-tnedija tal-Pjattaforma Dijitali fid-19 ta' April, l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tagħha, it-ħnejja tal-ewwel Plenarja tal-Konferenza fid-19 ta' Ġunju, l-istabbiliment tal-gruppi ta' Ħidma tagħha, eċċ.).



Fit-3 ta' Settembru 2021, fit-tieni laqgħa tagħha, l-EP108 ħadet nota tas-sitwazzjoni attwali u ffokat fuq l-istabbiliment u l-organizzazzjoni tal-Gruppi ta' Ħidma Plenarja u t-tnedija tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej f'Settembru.

Hekk kif ġie skattat il-proċess matul **it-tieni fażi tal-Konferenza minn Ottubru 2021 sa nofs Marzu 2022**, il-korpi differenti tal-Konferenza bdew jipprovdu kontribut dwar id-disa' suġġetti. L-EP108 itaqgħet seba' darbiet matul dan il-perjodu.

Fit-tielet laqgħa tagħha li saret fit-13 ta' Ottubru 2021, il-Membri skambjaw il-fehmiet ma' dawk bl-ideat mill-Avveniment Ewropew taż-Żgħażagħ (EYE) tad-8 sad-9 ta' Ottubru 2021 rigward ir-Rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażagħ u l-aktar 20 idea popolari tagħha. Huma ddiskutew ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-Konferenza, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapporti interim mill-Pjattaforma u l-eżitu tal-ewwel sessjonijiet tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej.

Fis-17 ta' Novembru 2021, id-Delegazzjoni tal-EP108 Itaqgħet għar-raba' darba biex tiddiskuti

s-suġġetti tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 1 u 2.⁷ Id-diskussjoni kienet ibbażata fuq il-kontribut preliminari li rriżulta minn dawk is-suġġetti u li wasal mill-Pjattaforma Dijitali, it-tieni sessjoni ta' dawk il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u r-rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażagħ. Dawk b'ideat mill-Avveniment Ewropew taż-Żgħażagħ (EYE) fit-8 sad-9 ta' Ottubru 2021 ġew mistiedna wkoll għal din il-laqgħa.

Fil-ħames laqgħa tagħha tat-8 ta' Diċembru 2021, il-Membri tal-EP108 komplew jeżaminaw il-kontributi preliminari fir-rigward tas-suġġetti mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 3 u 4⁸ li ħarġu mill-Pjattaforma Dijitali, it-tieni sessjoni ta' dawk il-Panels u r-rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażagħ. Il-kelliema esterni mill-komponenti tas-Sħab Soċjali u tas-Soċjetà Ċivili, il-membri tal-Plenarja, ġew mistiedna jiskambjaw fehmiet mad-Delegazzjoni tal-Parlament.

Fis-sitt laqgħa tagħha tat-12 ta' Jannar 2022, I-EP 108 bdiet il-valutazzjoni tagħha dwar ir-rakkmandazzjonijiet li jirriżultaw mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 2 u 3 li kienu saru qabel f'Firenze bejn l-10 u t-12 ta' Diċembru, u f'Natolin bejn is-7 u d-9 ta' Jannar.

Fid-9 ta' Frar 2022, id-Delegazzjoni tal-Parlament iltaqgħet għas-seba' darba, din id-darba b'mod konġunt mad-delegazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali, bil-ħsieb li tikkoopera dwar id-dimensjoni parlamentari tal-Konferenza, filwaqt li ssottolinjat il-ħtieġa, mill-bidu sal-aħħar tal-Konferenza, li trawwem u ssaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma ta' interess komuni fil-qafas tal-Konferenza.



F'Marzu 2022, hekk kif bdew l-aħħar stadji tal-Konferenza (mir-rakkmandazzjonijiet taċ-ċittadini għall-proposti tal-Plenarja tal-Konferenza), id-Delegazzjoni tal-Parlament kompliet l-iskambju regolari tagħha dwar l-eżiutu tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej biex tħejji l-pożizzjoni tal-Parlament qabel il-plenarji tal-Konferenza.

Fit-tmien laqgħa tagħhom, fit-2 ta' Marzu 2022, il-Membri eżaminaw ir-rakkmandazzjonijiet tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 1 u 4, li saru f'Dublin fil-25 sas-27 ta' Frar u f'Maastricht mill-11 sat-13 ta' Frar.

⁷ Panel 1 "Ekonomija, ġustizzja soċjali u impieggi aktar b'saħħithom / Edukazzjoni, kultura, żgħażagħ u sport / Trasformazzjoni diġitali" u Panel 2 "Demokrazija Ewropea / Valuri, drittijiet, stat tad-dritt, sigurtà".

⁸ Panel 3 "It-tibdil fil-klima, l-ambjent / is-saħħa" u l-Panel 4 "L-UE fid-dinja / il-migrazzjoni".

Fis-16 ta' Marzu 2022, filwaqt li ltaqgħet għad-disa' darba, l-EP108 semgħet preżentazzjonijiet ta' feedback mid-disa' Koordinaturi tal-Parlament maħtura mill-Gruppi Politiċi, dwar is-sitwazzjoni attwali fil-Gruppi ta' Ħidma Plenarja rispettivi tagħhom u l-laqgħat preparatorji korrispondenti tat-12-il Membru f'kull wieħed mill-Gruppi ta' Ħidma ("EP12").

Fil-fażi finali tal-Konferenza, mill-aħħar ta' Marzu sa April 2022, l-EP108 iltaqgħet darbejn. Fl-għaxar laqgħa tagħha, fit-30 ta' Marzu 2022, id-Delegazzjoni tal-EP108 ġejjiet il-laqgħat tal-Plenarja finali billi rrieżaminat l-evoluzzjoni tal-proposti tal-Grupp ta' Ħidma. Fil-ħdax u l-aħħar laqgħa tagħha fid-29 ta' April 2022, id-Delegazzjoni tal-EP108 **approvat il-proposti kollha tal-Konferenza b'maġġoranza kbira** li jirrappreżentaw ħames gruppi politiċi.⁹ Żewġ gruppi političi¹⁰ kif ukoll żewġ Membri individwali esprimew opinjonijiet minoritarji.

Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar l-attivitajiet tad-Delegazzjoni EP108, ara l-Anness V, u s-sit web iddedikat għall-ħidma tagħha:

<https://conference-delegation.europarl.europa.eu/mt/home>

⁹ PPE, S&D, Renew, Ħodor/AHE u X-Xellug.

¹⁰ Il-gruppi ECR u ID.

Anness I: Ir-riżoluzzjonijiet tal-PE dwar is-CoFE u dokumenti ewlenin oħrajn

Il-Parlament Ewropew adotta l-ewwel riżoluzzjoni tiegħu relatata mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fil-**15 ta' Jannar 2020** ([2019/2990\(RSP\)](#)) li fiha l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Konferenza. Peress li l-Kunsill kien għadu ma ħa l-ebda pożizzjoni, il-Parlament ġareġ it-tieni riżoluzzjoni fit-**18 ta' Ġunju 2020** ([2020/2657\(RSP\)](#)), filwaqt li reġa' tenna l-appell tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinvolvu ruħhom f'neozzjati biex jintlaħaq ftehim komuni dwar l-istabbiliment tal-Konferenza.

Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta t-tielet riżoluzzjoni ([2022/2648\(RSP\)](#)) dwar is-segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza. F'din ir-riżoluzzjoni, il-Parlament irrakkomanda fost l-oħrajn li, minbarra l-proposti leġiżlattivi, l-implementazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Konferenza u r-rakkmandazzjoni taċ-ċittadini jirrikjedu bidliet fit-Trattat (*fost l-oħrajn* dwar is-simplifikazzjoni tal-arkitettura istituzzjonali tal-UE, aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u riflessjoni ġidda dwar il-kompetenzi tal-UE).

Fir-raba' riżoluzzjoni ([2022/2705\(RSP\)](#)) adottata fid-**9 ta' Ġunju 2022**, il-Parlament appella għal Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, u ppreżentaha lill-Kunsill skont il-proċedura ordinarja ta' reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 48 tat-TUE, għadd ta' proposti għall-emenda tat-Trattati, bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza. Il-Parlament talab li din il-Konvenzjoni tkun magħmula minn rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali, tal-Kapipiet ta' Stat jew tal-Gvern tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni, filwaqt li nnota li bosta mill-proposti tal-Konferenza kienu jirrikjedu emendi għat-Trattati u li l-Kunitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tiegħu għandu jħejji proposti għal emendi tat-Trattat kif xieraq.

Fir-rigward tal-proposti tal-Konferenza, il-Parlament Ewropew enfasizza l-ħtieġa li jiġu implementati l-konklużjonijiet tal-Konferenza u li l-aspettattivi taċ-ċittadini jsiru reallà billi ssir ħidma fuq bidliet ambizzju f'xi wħud mill-aktar politiki kruċjali tal-UE. Il-Parlament ġa pożizzjoni jiet b'appoġġ għall-kwistjonijiet imsemmija fil-proposti tal-Konferenza, bħat-tnejħija tal-votazzjoni b'unanimità, ir-riforma tal-liġi elettorali, il-listi tranżnazzjonali, is-sistema tal-kandidati ewlenin, id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva għall-Parlament Ewropew kif ukoll id-dritt ta' inkjesta, u l-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni taċ-ċittadini. Għadu ma ħax pożizzjoni uffiċjali dwar kull proposta unika u bħalissa qiegħed iwettaq analiżi dettaljata tas-segwitu għall-proposti tal-Konferenza.

Fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-UE, il-Parlament adotta wkoll riżoluzzjoni ([2020/2201\(INI\)](#)) fis-**7 ta' Lulju 2021** dwar id-djalogi taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess deċiżjonali tal-UE, li fiha huwa ssottolinja l-ħtieġa li jiġi rifless kif l-Unjoni tista' ssir aktar effettiva fid-djalogu maċ-ċittadini, u jiddikjara t-twemmin tiegħu li ċ-ċittadini għandu jkollhom vuċi akbar fil-proċess deċiżjonali tal-UE, biex l-Unjoni tirrifletti aktar il-fehmiet taċ-ċittadini u ssir aktar reżiljenti, demokratika u effettiva.

Anness II: Laqgħat tal-Plenarja tal-Konferenza¹¹

Numru ta' laqgħat: 7

Data	Format	Kontenut
id- 19 ta' Ġunju 2021	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Plenarja tal-Konferenza Inawgurali ➤ Diskussjoni ġenerali dwar l-iskop u l-aspettattivi ➤ Informazzjoni dwar l-istabbiliment (Pjattaforma, Panels u Plenarja) u l-intenzjoni li jiġu stabbiliti Gruppi ta' Ħidma tematiċi
mit-22 sat- 23 ta' Ottubru 2021	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Informazzjoni u diskussjoni dwar is-sitwazzjoni attwali tal-erba' Panels taċ-Ċittadini Ewropej ➤ Feedback u preżentazzjoni mill-avvenimenti u mill-Panels nazzjonali ➤ Preżentazzjoni tar-rapport dwar l-Avveniment Ewropew ➤ taż-Żgħażagħ (EYE) ➤ Diskussjoni dwar il-kontribut mill-Pjattaforma abbażi tat-tieni rapport interim
mill-21 sat- 22 ta' Jannar 2022	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Preżentazzjoni ta' rakkmandazzjonijiet li jirriżultaw mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u Nazzjonali ➤ Dibattitu skont it-tema li jkopri s-suġġetti tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 2 u 3
mill-11 sat- 12 ta' Marzu 2022	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Preżentazzjoni ta' rakkmandazzjonijiet li jirriżultaw mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u Nazzjonali ➤ Dibattitu skont it-tema li jkopri s-suġġetti tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej 1 u 4
mill-25 sas- 26 ta' Marzu 2022	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Il-bidu tal-proċess tat-tfassil tal-proposti tal-Plenarja abbażi tar-rakkmandazzjonijiet taċ-ċittadini ➤ Dibattiti dwar id-disa' suġġetti kollha tal-Konferenza ➤ Preżentazzjonijiet tar-riżultati u tal-impenji mir-rappreżentanti tal-avvenimenti nazzjonali
mit-8 sad- 09 ta' April 2022	Ibridu, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Dibattitu dwar id-disa' suġġetti kollha tal-Finalizzazzjoni tal-Konferenza tal-abbozzi tal-

¹¹ Aktar informazzjoni dwar il-Plenarja tas-CFE: <https://conference-delegation.europa.eu/mt/plenary/plenary-meetings>

mid-29 sat- 30 ta' April 2022	Wiċċ imb wiċċ, PE Strasburgu	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Ġew iформулати 49 пропозиција на Парламентарни конференции за съвместен консенс на Европейския парламент, Европейския парламент и Европейския парламент на национални ниво. ➤ Известяване на гражданите за финалните мнения на гражданите, представени във връзка със заподадените пропозиции.
--	------------------------------	---

Anness III: Laqgħat tal-Bord Eżekuttiv¹²

Numru ta' laqgħat: 11

Data	Format	Kontenut
I- 24 ta' Marzu 2021	Ibridu, Kunsill tal-UE Brussell	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Skambju ta' fehmiet dwar il-pjattaforma diġitali multilingwi u t-tnedija tagħha ➤ Skambju ta' fehmiet dwar il-Metodi ta' Ħidma tal-Plenarja u tal-Bord Eżekuttiv
is- 7 ta' April 2021	Ibridu, PE Brussell	<ul style="list-style-type: none"> ➤ Approvazzjoni tal-Pjattaforma Diġitali multilingwi (inkluża I-Karta) ➤ L-approvazzjoni tal-metodi ta' ħidma tal-Bord Eżekuttiv u l-preżentazzjoni tar-regoli ta' proċedura għall-Plenarji tal-Konferenzi inklużi I-Panels taċ-Ċittadini tal-UE ➤ Avveniment fid-9 ta' Mejju 2021
